MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru 7/2014

Ammissjoni Nru: 7/2014

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Keith Barbara

Silvio Apap

Illum 18 ta' Marzu, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taz-zewg akkuzati, Keith Barbara, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 536583M u Silvio Apap, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 468976M, akkuzati talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Gunju, 2014:

1. Assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jitraffikaw f'dawn il-gzejjer,

medicina (Cannabis Resin), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw tali assocjazzjoni;

2. Importaw, jew gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjoniiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehdua mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustnzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilhom jew ikunu imissu lill-akkuzati jew huma propjeta' taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xort' ohra jiddisponu minn xi propjeta mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 ta' Gunju, 2014 fejn l-akkuzati Keith Barbara u Silvio Apap ammettew l-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u kkonfermaw tali ammissjoni anke meta l-Qorti akkordatilhom zmien biex jikkunsidraw din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Lulju, 2014 fejn iddikjara li ai termini tal-proviso ghal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-imputazzjonijiet kif adebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputati rregistraw l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Keith Barbara, prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2015 fejn ai termini tal-artikolu 392B(5) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjaraw li qeghdin jaqblu li l-piena li ghandha tigi nflitta fuq l-akkuzat Kieth Barbara minn din il-Qorti ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sittax (16) il-sena flimkien ma' multa ta' erbghin elf ewro (€40,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew

konsegwenza ohra tssativa ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tal-ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjess u propjeta' mobbli jew immobbli appartentenenti lill-istess akkuzat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fid-9 ta' Gunju, 2014, tiddikjara lil Silvio Apap u Keith Barbara hatja talli f'dawn il-Gzejjer, f'Gunju, 2014:

1. Assocjaw ruhhom ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jitraffikaw f'dawn il-gzejjer, medicina (Cannabis Resin), bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw tali assocjazzjoni;
2. Importaw, jew gieghelu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi mportata medicina perikoluza (Cannabis Resin) f'Malta, bi ksur tad-dispozizzjoniiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Kellhom fil-pussess taghhom ir-raza mehdua mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Art. 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustnzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Rat l-artikoli 8(d), 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22(2)(a)(ii) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, ir-regoli 4 u 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (Avviz Legali 292/39) u l-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-pre-sentencing reports li saru fil-konfront taz-zewg akkuzati.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u l-prosekuzzjoni rigward il-piena li ghandha tinghata lil Silvio Apap.

Ikkunsidrat,

Ghar-rigward ta' Silvio Apap, fit-trattazzjoni taghha id-difiza argumentat illi l-Qorti ma ghandiex biss thares lejn l-ammont tad-droga li kienet qed tigi traffikata izda ghandha wkoll thares lejn il-purita taghha. Argumentat ukoll li l-hati ghandu fedina penali nadifa u li kif stqarr hu stess fl-ahhar twegiba li ta' fl-istatement irrealizza li ghamel zball.

Rat il-gurisprudenza ta' din il-Qorti fejn jidhol assocjazzjoni u traffikar tad-droga cannabis f'ammonti konsiderevoli, senjatament 'Ir-Repubblika vs. Joseph Zerafa'

deciza fit-28 ta' Jannar, 2010 kif ukoll 'Ir-Repubblika ta' Malta vs John Bartolo' deciza fil-15 ta' Lulju, 2004. Rat ukoll illi il-purita ta' 9.5% huwa livell 'normali' fejn tidhol id-droga cannabis.

Rat ukoll is-sentenza taghha tal-4 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Aquilina' fejn il-Qorti stabbiliet illi gialadarba kien ftehim bejn iz-zewg akkuzati u l-involviment taghhom kien simili, ghall-fini tal-assocjazzjoni dan ir-reat jissussisti u ghaldaqstant dawn ghandhom jigu trattati bl-istess mod.

Rat il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa" [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tħoss li fil-każ ta' Keith Barbara għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula skond l-artikolu 392B(5) tal-Kodiċi Kriminali u għaldaqstant, tikkundanna lil hatja Keith Barbara u Silvio Apap ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sittax (16) il-sena kull wiehed flimkien ma' multa ta' erbghin elf ewro (€40,000) kull wiehed li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija kull wiehed, kif ukoll tikkundannhom ihallasu s-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€121.81) kull wiehed, rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hatja.

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jgibu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hatja.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------